MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 394/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**Vs**
**Paolo Vella**
**Joseph Debono**
**Carmelo Agius**
**Paul Cutajar**
**Joseph Cassar**
**Joseph Vella**
**Carmelo Vella**
**Victor Borg**
**Guzeppi Mangion**
**Paul Casha**
**Mary Cassar**
**Paul Deguara**
**Emanuel Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar snin u ċioe' bejn is-sena 1996 u s-sena 2003 b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, approprijaw rwiehom billi dawwru bi profit għalihom jew għal persuna oħra minn haġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilhom fil-kapaċita' tagħhom bħala membri fis-pożizzjoni amministrattiva tal-Koperattiva Indafa Pubblika (KIP) taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' approprjaw rwieħhom minn flejjes migbura bħala VAT mill-Koperattiva Indafa Pubblika (liema flejjes jammontaw għal somma aktar minn LM1000, liema flejjes jappartjenu lill-Gvern ta' Malta u persuni ohra li kienu gew fdati jew ikkunsinjati lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd jew li jsir użu speċifikat u dana minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tagħhom jew minħabba depożitu neċessarju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Settembru, 2010, li biha, wara r-riżultanzi proċesswali l-Qorti ma setghetx ħlief illiberat lill-appellati mill-akkuża miġjuba fil-konfront taghhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fis-6 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata, tgħaddi biex issib lill-appellati ħatja tal-akkużi miġjuba kontrihom u tinfliġġi dik il-piena indikata skond il-liġi għall-ħtija ta' l-appellati.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedini penali aġġornati tal-appellati esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni żbaljata kif ukoll enunċjazzjoni żbaljata w inkompleta ta' l-evidenza miġjuba mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-akkużi odjerni.

L-argument ewlieni tal-Avukat Ġenerali huwa li l-appellati odjerni:

Kellhom l-obbligi legali illi jaraw li l-ammont ta' Vat dovut lill-Gvern jitħallas skont il-Liġi – tkun xi tkun is-sitwazzjoni tal-KIP.

'Bis-sempliċi fatt illi l-appellati ma ħallsux lid-Dipartiment tal-VAT l-ammont dovut u wżaw l-istess ammont sabiex ikopru l-pagi u l-obbligazzjonijiet l-oħra tal-KIP, huma kienu qed jirrendu lilhom infushom ħata tar-eat ta' approprijazzjoni indebita.'

L-Avukat Ġenerali saħaq b'mod speċjali dwar l-importanza tal-każ 'Il-Pulzija versus John O'Dea fejn l-imputat kien naqas li jħallas ammont ta' PAYE u Sigurta' Soċjali dovuti lill-Gvern ta' Malta sabiex ikun jista' jħallas il-ħaddiema tiegħu.

Għal dan ir-rikors tal-appell irrispondew l-appellati b'nota ippreżentata fis-26 ta' Novembru 2010.

F'din in-Nota l–appellati stiednu lill-Qorti tal-Appell kriminali teżamina jekk l-appell tal-Avukat Ġenerali kienx tardiv jew le.

Imbagħad issottomettew li l-każ tal-lum kien għal kollox differenti minn dak ta' 'Il-Pulizija versus John O'Dea'. L-appellati kienu impjegati mal-gvern ġruanata b'ġuranta u kienu jipprovdu l-iscammel tagħhom lill-gvern li kien jagħtihom somma flus fix-xahar sabiex jiġbru l-iskart domestiku. Il-Gvern ħajajrhom iwaqqfu koperattiva u meta l-appellati ma ridux jagħmlu koperattiva, il-Gvern ħajajrhom billi silifhom kwantita' kbira ta' ħaddiema tal-Gvern.

Iżda malli l-Kunsilli Lokali bdew joħorġu tenders baxxi ħafna, il-Kooperattiva ma setgħetx topera aktar. Kellhom laqgħat saħansitra mal-Prim ministru li dak iż-żmien kien minsitru tas-Sigurta' Soċjali u kienu saħansitra ssuġġerew li tkun xolta l-koperattiva. Il-mmebri spiċċaw joħorġu flus minn buthom fi ħals tad-diesel u għall-ħsarat tal-iscammels.

Malli l-Gvern ra din is-sitwazzjoni, ħatar lis-sur John micallef to take stock of the situation. Saru laqgħat ma' diversi Ministri li kienu infurmati li l-VAT mhix qed titħallas iżda minħabba li l-ġbir tal-iskart huwa problema kbira, il-Gvern ried li l-Koperattiva tibqa' topera. Malli l-koperattiva waqfet id-Dipartiment tal-VAT talab il-Vat mhix imħallsa.

Mix-xhieda tax-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni rriżulta li min kien iħallas il-koperattiva kien jagħmel dan b'cheque li kien jiġi depożitat il-bank. L-appellati ma kinux intiżi x'ħiereġ u dieħel għaliex dawn ma kellhomx kapaċita' li jsegwu iżda għaliex l-amministrazzjoni odrinarja kienet f'idejn il-management tal-kooperattiva u l-awditur.

Sussegwentement kien intlaħaq ftehim mad-Dipartiment tal-VAT li l-VAT titħallas direttament mill-Kunsilli Lokali lid-Dipartiment. Li kieku l-appellati riedu jagħmlu xi qligħ għalihom kienu jħallu s-sitwazzjoni kif inhi. Is-somma dovuta lid-Dipartiment tal-VAT kienet tikkonsisti aktar f'multi tal-VAT milli l-VAT dovuta.

Ikkonsidrat

Illi dan l-appell jirrigwarda prinċipalment l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbaz l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi

eżerċitata mill-Ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk din l-Ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setgħetx tasal raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li din waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti sabiex din il-Qorti tiddistruba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. (Ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: 'Il-Pulizija vs Raymond Psaila et (12.5.94); 'Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi (14.02.1989); 'Il-Pulizija versus Carmel sive Chalmer Pace (31.05.1991); 'Il-Pulizija versus Anthony Zammit (31.05.1991).

Dan il-kriterju jgħodd ukoll għall-appelli magħmulin mill-Avuakt Ġenerali taħt l-artikolu 413(ċ) tal-Kap 9. (Ara 'Il-Pulizija vs Silvio Buttigieg' (06.05.2002) u 'Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et (21.03.2003).

Illi din il-Qorti għalhekk għamlet eżami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha meta ma sabitx lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

L-ewwelnett il-Qorti qieset l–ewwel sottomissjoni fir-risposta dettaljata tal-appellati: jiġifieri jekk l-appell tal-Avukat Ġenerali kienx ippreżentat tardivament. Is-sentenza ngħatat fit-22 ta' Settembru 2010, l-atti waslu għand l-Avukat Ġenerali fl-24 ta' Settembru, 2010 u l-appell kien ippreżentat fis-6 t'Ottubru 2010. Permess li t-tmint ijeim ta' xogħol għall-preżentat jibdew jgħaddu minn meta l-Avukat Ġenerlai jirċievi l-atti, allura l-appella kien ippreżentat fil-ħin għax wieħed irid jibda jgħodd mill-25 ta' Settembru 2010 minħabba li 'dies de quo non computatur in termine.'

It-tieni konsiderazzjoni tal-Qorti huwa dwar il-prinċipju ġenerali li kien stabbilit fil-każ 'Il-Pulizija versus O'Dea' li min iħaddem ma jistax jaħrab mill-obbligi tiegħu li jħallas PAYE, Bolli, VAT jew xi taxxa oħra sabiex iħallas lill-

impjegati tiegħu.  Li kieku wieħed jaċċetta dan l-argument, faċli nispiċċaw li dawn il-fondi jixxuttaw bi skuża jew oħra.

L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa li l-KIP kienet tirċievi l-flus bil-VAT b'kollox u l-parti tal-VAT ma tgħaddihiex lill-VAT Department.  L-Ewwel Qorti ddeċidiet li dawn in-nies qatt am rċevew flus f'idejhom (kif saħansitra xehed il-Manager li kien intbagħat mill-Gvern biex jgħin minħabba d-diffikultajiet li kien hemm fil-KIP).  Kollox kien imur il-bank u imbagħad jinħarġu ċ-ċekkijiet biex jitħallsu l-pagi.

Issa, waqt li l-appellati tassew ma kinux irċevew dawn il-flus f'idejhom, il-flus kienu għaddew għand il-KIP li kellha l-obbligu li l-parti tal-VAT tgħaddiha lid-dipartiment tal-VAT.  Fuq dan il-punt legali l-Avukat Ġenerali għandu raġun.  Dawn kienu flus ta' terzi li l-KIP kienet obbligata li tgħaddihom lil min kellu jedd għalihom.

Issa l-pass l-ieħor fl-analiżi tal-Qorti huwa għaliex  tħarrku l-appellati bħala imputati.  Hawn jinħtieġ ikun analizzati żewġ dispożizzjonijiet tal-Liġi.

Skond il-Liġi tal-Koperattivi, Koperattiva hija assoċjazzjoni awtonoma to persuni li jingħaqdu flimkien volontarjament. (Artikolu 21(1) tal-Kap 442).

Skond l-artikolu 13 tal-Kap 249 tal-'Att dwar l-Interpretazzjoni'

'13. Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi
Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp
jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull
persuna li, fil-ħin ta' l-għemil tar-reat, kienet direttur, manager,
segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet
tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm

il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u
li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:'

Huwa propju minħabba dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet il-għala tħarrku l-appellati – jiġifieri għaliex huma kienu jokkupaw kariga fil-kumitat tal-KIP.

Jirriżulta li skond id-dokument li jidher a fol 118, Paul Vella, Carmelo Agius, Paul Cutajar, Joseph Cassar, Joseph Vella, Charles Vella, Victor Borg, Joseph Mangion u Paul Casha **kienu jokkupaw xi kariga amministrattiva matul dan il-perjodu**.

Dokument ieħor a fol 154, 155 (li hija kopja ta' fol 154),156 et jelenka lista ta' persuni li kienu fil-kumitat mill-perjodu 12 ta' Novembru 1995 sal-14 ta' Marzu 1997. Ismijiet li jidhru dejjem matul il-perjodu huma: Paul Vella, Paul Cutajar, u Paul Casha.

Carmelo Agius jidher ismu sat-2 ta' Frar 1997 u **hu stess stqarr li telaq fl-aħħar tal-1997. (fol 100)..**

Isem Maria Cassar jidher darba biss – bejn it-**2 ta' Frar 1997 u l-14 ta' Marzu 1997, bejn it-2 ta' Frar u 31 ta' Dċembru 1997, u bejn is-ena 1999 u 2000. Isimha ma jidhrix imniżżel fid-dokument a fol 118.**

Joseph Debono jidher bejn dawn id-dati: 31 ta' Diċembru 1996 sa 2 ta' Frar 1997, bejn it-2 ta' Frar 1997 u l-31 ta' Diċembru 1997, għas-snin 2000/2001 u għas-snin 2002/2003.

Paul Deguara jidher għas-sena 1998/1999 u 2002/2003.

Emanuel Mallia jidher għas-snin 1999/2000, 2000/2001, 2001/2002.

Emanuel Mallia qal li kien fil-kumitat iżda hu qatt ma kien ta każ dwar il-problemi tal-VAT għax hu kien ikun jaħdem fuq barra. (fol 92). Qalukoll li lanqas kien jaf jaqra.

Joseph Debono stqarr li fi żmienu l-VAT kienet titħallas mill-kunsilli u ma kienx hemm problemi. (fol 96) U a fol 97 qal li meta kien hemm hu, il-VAT kienet titħallas.

Paul Deguara qal li ġieli attenda xi laqgħat tal-kumitat iżda deċiżjonijiet qatt ma ħa. Kien jieħu ħsieb il-finanzi l-Manager ċerta Robert. Huwa kien jaf li l-Koperattiva kellha problemi ta' VAT returns u stqarr hekk:

'Mhux jien biss (kont naf) imma anke l-Gvern'. (fol 94)

Stqarr ukoll li xogħolu kien abrra bl-iscammel u li hu lanqas jaqra ma kien jaf.

Emanuel Mallia stqarr li dwar il-ħlas tal-VAT kien jieħu ħsieb il-Manager u membri oħra tal-Kumitat imma qatt ma kien ta kas ta' dawn l-affarijiet għax kien ikun xogħol fuq barra (fol 92). Huwa ma kikenx jaf meta jintbagħtu l-formoli tal-VAT u hu ma kienx jaf jaqra.

Mary Cassar stqarret li meta kien hemm hi kienet titħallas il-VAT. (fol 87) Hi qalet ukoll li ma kenitx taf taqra. Barra minn hekk kien hemm il-manager u mambri orħa fil-kumitat imma hi qatt ma tat kas ta' hekk għax kienet tkun fuq barra (fol 86).

Min-naħa l-oħra Paul Casha, li almenu jidher jidher b'ċerta konsistenza stqarr hekk:

'Il-problema kienet li kien hemm kompetizzjoni kbira. Bdew jitkissru t-tenders u flus ma kienx hemm biżżejjed. Il-flus li kienet taqla' l-koperattiva kienu biżżejejd biss sabiex jitħallsu l-pagi tal-kolletturi.

Omissis

Irrid ngħid li l-kapijiet tal-pajjiż kienu jafu b'din il-problema u ltqajna maħghom ilkoll. Konna mmorru għand Zammit Dimech u għand nies oħra u kienu jafu bil-problema..

Omissis

Meta kont hemm jien kienet titħallas il-VAT.’

Joseph Vella qal li hu kien jinsisti li titħallas il-VAT u li huma kienu ltaqgħu mal-Ministru biex isolvu l-problema. Kien għamlu ħilithom biex jitħallsu l-VAT returns kurrenti. (ara fol 86).

Joseph Cassar fl-istqarrija twil tiegħu semma l-laqgħat li kellhom mal-Ministru Dr Francis Zammit Dimech (fol 110). Stqarr ukoll li kienu jinsistu mas-Sur John Micallef li l-importanti li l-ewwel jitħallsu l-ħaddiema mid-dħul tal-koperattiva u imbagħad il-VAT returns għax inkella x-xogħol kien jieqaf. Kien għamlu laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi ta’ dak iż-żmien li kien qalilhom li dawk il-flus kienu maħfurin. Fl-aħħar tal-istqarrija huwa qal:

‘Mill-flus tal-VAT tħallsu l-pagi u ma kienx għad fadal flus biex jitħallsu l-VAT returns.’

Il-Qorti kkwotat diversi siltiet mill-istqarrijiet għal dawn ir-raġunijiet:

(a) l-ewwelnett biex joħorġu ċari d-diffikultajiet finanzjarji li kien hemm fil-KIP;

(b) it-tieni biex tara x’arranġamenti kienu qed isiru biex forsi titħallas il-VAT;

(ċ) it-tielet biex tipprova tistabilixxi f’liema perjodu kull persuna kienet qegħda fil-kumitat.

Dan l-aħħar punt huwa importanti. L-akkuża hija ‘bejn is-sena 1996 u 2003’ u **qegħda għall-appellati kollha bla distinzjoni.**

Id-dokument a fol 118 bl-ebda mod ma jgħid id-dati ta’ meta l-persuni indikati keinu fil-kumitat minkejja li hemm miktub ‘throughout the period in question’. Fil-lista hemm

imniżżlin 13-il persuna meta dan kien kumitat ta' ħamsa. Allura ma jistax ikun li dawn kienu kollha fil-kumitat f'daqqa fil-perjodu kollu msemmi. Fl-istess lista mkien m'hemm indikat id-dati partikolari ta' meta serviet kull persuna.

Id-dokument a fol 154 jagħti l-kompożizzjoni ta' diversi kumitati iżda bħalma wriet il-Qorti bid-dati mogħtija akat 'il fuq, mislutin mill-istess dokument, mhux kull appellat kien dejjem membru matul il-perjodu fiċ-ċitazzjoni.

U mix-xhieda ta' John Micallef jirriżulta li ' xi wħud mill-akkużati ma kinux preżenti dak in-nhar għaliex kienu diġa' spiċċaw minn mal-koperattiva u kienu jaħdmu ma' koperattiva oħra.' (fol 169)

Fil-kamp penali ċerti dettalji vitali jridu jkunu aktar preċiżi u wieħed għandu d-dirtt li jkun jaf għalxiex għandu jirrispondi u għal-liema perjodu. In-nuqqas ta' indikazzjoni tal-perjodu in kwistjoni b'aktar eżatezza jqanqal problemi serji fil-kamp penali. Ma jistax wieħed jiddefendi ruħu għall-perjodi li lanqas biss kien fil-kumitat.

Il-Qorti, iżda ser tindaga oltre.

L-istorja tal-appellati, kif tidher fir-risposta tal-appellati u kif suċċinta tant tajjeb mill-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, mhix xi waħda fortunata. Il-Qorti qed tagħmel tagħha b'approvazzjoni l-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li tibda 'Illi dwar il-fattispeċje tal-każ......Lm40000' (fol 222 u 223).

Il-Qorti ippruvat tistabilixxi min mill-appellati kien iservi f'kull żmien fid-dati bejn l-1996 u s-sena 2003. Fid-dokument a fol 118 jissemmew 9 mill-appellati. Id-dokument huwa intitolat 'List of persons who occupied an administrative position within the Kooperattiva Indafa Pubblika throughout the period in question.' (In-numru tal-appellati huwa tlettax).

Il-Qorti studjat bir-reqqa dak li xehed John Micallef a fol 164 et li kien inħatar bħala Manager f'Jannar tas-sena

2000 u spiċċa l-kariga tiegħu fis-sena 2003. Meta beda l-kariga tiegħu l-kumpanija kienet kważi falluta. Apparti l-pagamenti tal-VAT li ma kinux qed isiru, kien hemm djun oħra li ma kinux qed jiġu onorati. Kienu ltaqgħu ma' diversi Ministri fejn kienu ingħataw il-parir li jibdew jieħdu ħsieb il-ħlasijiet kurrenti tal-VAT qabel jitqiesu l-arretrati. Kienu ltaqgħu mal-Kummissarju tal-VAT u kienu laħqu ftehim mal-Kunsilli lokali li jibdew iħallsu direttament il-VAT dovut minnhom lid-Dipartiment tal-VAT minflok ma jgħadduhom lill-koperattiva. Il-VAT kurrenti kienet qed tiħallas.

Il-membri tal-koperattiva fehmu s-sitwazzjoni u aċċettaw li l-ħlas jonqos b'Lm50 fix-xahar. Mill-Lm400 li kienu qed jirċievu jridu jħallsu l-maintenance tat-trukkijiet u t-tyres.

L-istess xhud xehed:

'L-ebda wieħed mill-akkużati kif ukoll l-ebda wieħed mill-membri ma qalulna biex ma nħallsux il-VAT. (fol 169).

Wara li qieset dan kollu, il-Qorti kkonsidrat ukoll dik il-partri tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn daħlet fl-element tad-dolo. L-Ewwel Qorti rreferiet għall-każ 'Il-Pulizija versus Siegfried Borg Cole' (ara fol 225). Flok ma tirrepeti l-bran kollu mislut mill-Antolisei, il-Qorti tirreferi għall-aħħar sentenza:

'In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo impresindibile il dolo.' Jirid ikun hemm 'l'animo di lucro'.

Tassew li wieħed jsita' jargomenta li meta l-flus dovuti bħala VAT kienu qed jittieħdu f'pagi, allura kien hemm l-element tal-***lucro***. Iżda meta l-Qorti tinnota mix-xhieda mogħtija kif ukoll mil-istqarrijiet li kienu ppreżentati mill-Prosekuzzjoni stess li keinu qed iriu kuntatti ma' diversi Ministri dwar il-problema tal-ħlas tal-VAT, jista' jkun nhemm l-intenzjoni ta' 'lucro' – u f'dan il-każ li żżomm il-flus VAT għalik – meta qed tmur titkellem dwar dawn il-flus mal-Membri tal-Esekuttiv? Jekk xi ħadd irid jabbuża mill-flus fdati f'idejh għall-VAT ma jmurx jitkellem mal-

Ministri u mal-Kummissarju tal-VAT dwarhom. Kienet ukoll sinifikattiva d-dikjarazzjoni magħmula mix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni meta xehed li ħadd mill-membri ma qalilhom biex il-VAT ma titħallasx.

Għalhekk il-Qorti meta qed tqis in-nuqqas ta' indikazzjonijiet ċari fid-dati ta' meta kull appellat kien fil-kumitat, meta qieset ukoll li l-membri fil-kumitat ftit kellhom kontroll fuq is-sitwazzjoni kif ukoll meta qed tqis li jonqos l-element ta' dolo da parti tal-appellati, qed tiddeċiedi li ma ssibx lill-appellati ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom.

Biss il-prinċipji stabbiliti fil-każ 'Il-Pulizija versus O'Dea' jibqgħu bla mittiefsa.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali dwar is-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-22 ta' Settembru 2010 u qed tikkonferma l-istess sentenza li lliberat lill-appellati mill-imputazzjonijeit dedotti kontra tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------